2024/586

23.2.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/586

tas-16 ta' Frar 2024

li temenda u tikkoreġi d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2432 fir-rigward tad-determinazzjoni tal-valuri ta' referenza għal ċerti prodotturi u importaturi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024

(notifikata bid-dokument C(2024) 857)

(It-testi bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bir-Rumen, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan u bl-Ungeriż biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(3) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2432 ([2]) tiddetermina l-valuri ta' referenza għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 għal kull produttur u importatur li jkun qiegħed legalment fis-suq l-idrofluworokarburi għall-perjodu ta' referenza rilevanti kif irrapportati skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014.

(2) Il-valur referenzjarju għal kull produttur u importatur għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-medja annwali tal-kwantitajiet ta' idrofluworokarburi imqiegħda legalment fis-suq mill-1 ta' Jannar 2015 għas-snin disponibbli, kif irrapportat skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, filwaqt li jiġu eskluži l-kwantitajiet ta' idrofluworokarburi għall-użu msemmi fl-Artikolu 15(2) ta' dak ir-Regolament matul l-istess perjodu, abbażi tad-*data* disponibbli.

(3) Għall-fini tal-identifikazzjoni tas-sena tal-bidu għall-kalkolu tal-medja annwali, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2432 tqis liema event seħħ l-ewwel: i) is-sena li għaliha kienet ġiet allokata l-kwota lil impriża għall-ewwel darba f'konformità mal-Artikolu 16(5) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, jew ii) is-sena li fiha l-impriża tkun qiegħdet legalment l-idrofluworokarburi fis-suq għall-ewwel darba,kif irrapportat skont l-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament.

(4) Din ir-regola ma tiġix applikata għal ċerta kategorija ta' impriżi ("l-impriżi kkonċernati"), b'mod partikolari, għall-impriżi li jkunu qiegħdu l-idrofluworokarburi fis-suq abbażi tal-kwota li kienet tinkludi kwota trasferita lilhom f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, u s-somma tal-kwota trasferita fis-snin kollha mill-2015 kienet daqs jew ogħla mil-limitu ekwivalenti ta' 100 tunnellata ta' CO_2 stabbilit fl-Artikolu 15(2) ta' dak ir-Regolament. Għall-impriżi kkonċernati, fil-każijiet kollha tqies il-perjodu li jibda mill-2015. Ir-raġunament, kif iddikjarat fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2432, kien li l-kwota trasferita oriġinarjament twettqet abbażi tat-tqegħid fis-suq fis-snin preċedenti.

([1]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2014/517/oj?locale=mt.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2432 tas-26 ta' Ottubru 2023 li, skont ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, tiddetermina l-valuri ta' referenza għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 għal kull produttur jew importatur li jkun qiegħed legalment fis-suq l-idrofluworokarburi mill-1 ta' Jannar 2015, kif irrapportati skont dak ir-Regolament (ĠU L, 2023/2432, 10.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/2432/oj).

(5) Il-metodoloġija li ġiet applikata għad-determinazzjoni tal-valuri ta' referenza għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 għall-impriżi kkonċernati, jenħtieġ tiġi emendata. Għalkemm l-istess metodoloġija diġà ġiet applikata fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1604 ([3]) għad-determinazzjoni tal-valuri ta' referenza għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sa Diċembru 2023 għall-impriżi kkonċernati, mill-2024 'il quddiem, ma għadux xieraq li din il-metodoloġija tiġi applikata għall-kalkolu mill-ġdid tal-valuri ta' referenza tagħhom minħabba li ma għadhiex tirrifletti d-dinamika attwali tas-suq bejn l-impriżi li daħlu fis-suq tal-idrofluworokarburi aktar tard mill-2015.

(6) Jeħtieġ li jiġu emendati l-valuri referenzjarji determinati bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2432 fir-rigward żewġ aspetti: l-ewwel nett, għal kull trasferiment f'sena partikolari, is-sena tal-bidu għall-medja annwali għandha tkun is-sena li fiha l-impriża li tittrasferixxi l-kwota tagħha lill-impriża kkonċernata tkun daħlet fis-suq (jiġifieri s-sena li għaliha l-impriża li tagħmel it-trasferiment tkun ġiet allokata kwota jew is-sena li fiha dik l-impriża tkun legalment qiegħdet l-idrofluworokarburi fis-suq għall-ewwel darba, skont liema event ikun seħħ l-ewwel). Is-sena tal-bidu tista' tkun l-2015 jew aktar tard skont il-każ individwali. It-tieni, dik ir-regola jenħtieġ tiġi applikata għas-sehem tat-tqegħid fis-suq relatat mal-kwota trasferita lill-impriża kkonċernata. Is-sehem tat-tqegħid fis-suq relatat mal-kwota allokata lill-impriża kkonċernata f'sena partikolari skont l-Artikolu 16(5) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 jenħtieġ jaqa' taħt ir-regola ġenerali.

(7) Jeħtieġ ukoll li tiġi kkoreġuta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2432 rigward it-tielet aspett. Wieħed mid-destinatarji elenkati fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2432 irċieva valur referenzjarju kkalkolat bl-applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/661 ([4]). Għalhekk, dak il-valur ta' referenza jeħtieġ li jinqasam u jiġi ddeterminat separatament għal żewġ impriżi. Għalhekk jenħtieġ li impriża addizzjonali tiżdied mal-lista fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2432.

(8) F'dan ir-rigward, il-valuri ta' referenza għall-impriżi kkonċernati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 jenħtieġ li jiġu kkalkolati mill-ġdid. Dak il-kalkolu mill-ġdid jaffettwa biss 153 produttur u importatur, li se jiġu nnotifikati separatament dwar il-valur referenzjarju rispettiv. Il-produtturi u l-importaturi li l-valuri ta' referenza tagħhom mhumiex affettwati minn din id-Deċiżjoni, mhux se jirċievu notifika individwali dwar il-valuri ta' referenza mhux mibdula tagħhom.

(9) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2432 tiġi emendata skont dan.

(10) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2432 tapplika mill-1 ta' Jannar 2024. Jenħtieġ għalhekk li l-emendi u l-korrezzjonijiet introdotti b'din id-Deċiżjoni japplikaw mill-istess data.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2432

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2432 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1604 tat-23 ta' Ottubru 2020 li, skont ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, tiddetermina l-valuri ta' referenza għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023 għal kull produttur jew importatur li jkun qiegħed legalment fis-suq l-idrofluworokarburi mill-1 ta' Jannar 2015, kif irrapportati skont dak ir-Regolament (ĠU L 364, 3.11.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2020/1604/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/661 tal-25 ta' April 2019 li jiżgura l-funzjonament bla xkiel tar-reġistru elettroniku għal kwoti għat-tqegħid fis-suq ta' idrofluworokarburi (ĠU L 112, 26.4.2019, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/661/oj).

Artikolu 2

Korrezzjonijiet tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2432

1. Fl-Artikolu 3, tiżdied ir-ringiela 2151 li ġejja:

"2151.	9989	Savi Technologie sp. z o.o. ul. Wolności 20 51-180 Psary, Wrocław IL-POLONJA"

2. L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2432 huwa kkoreġut f'konformità mal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Id-data tal-applikazzjoni

L-Artikoli 1 u 2 għandhom jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024.

Artikolu 4

Indirizzi

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil:

	ID tar-Reġistru	Isem u indirizz tal-impriża
(1)	21322	Agatex Feinchemie GmbH Aichham 11 4650 Lambach L-AWSTRIJA
(2)	40729	AHT Cooling Systems GmbH Werksgasse 57 8786 Rottenmann L-AWSTRIJA
(3)	27429	Daikin Airconditioning LLC irrappreżentata minn Daikin Europe N.V. Zandvoordestraat 300 8400 Oostende IL-BELĠJU
(4)	27428	Daikin Middle East and Africa FZE irrappreżentata minn Daikin Europe N.V. Zandvoordestraat 300 8400 oostende IL-BELĠJU
(5)	32105	IMMOGAL S.A. Carton de Wiart 79 1090 Jette IL-BELĠJU
(6)	40763	AHT Cooling Systems Brasil Ltda. irrappreżentata minn Daikin Europe N.V. Zandvoordestraat 300 8400 Oostende IL-BELĠJU

	ID tar-Reġistru	Isem u indirizz tal-impriża
(7)	27430	Daikin Airconditioning Egypt (S.A.E.) irrappreżentata minn Daikin Europe N.V. Zandvoordestraat 300 8400 Oostende IL-BELĠJU
(8)	40776	Daikin Airconditioning Norway AS irrappreżentata minn Daikin Europe N.V. Zandvoordestraat 300 8400 Oostende IL-BELĠJU
(9)	27525	Daikin Air Conditioning Saudi Arabia LLC irrappreżentata minn Daikin Europe N.V. Zandvoordestraat 300 8400 Oostende IL-BELĠJU
(10)	40733	AHT Sogutma Sistemleri Ticaret Ltd. Sti. irrappreżentata minn Daikin Europe N.V. Zandvoordestraat 300 8400 Oostende IL-BELĠJU
(11)	27527	DAIKIN ISITMA VE SOĞUTMA SİSTEMLERİ SANAYİ TİCARET ANONİM ŞİRKETİ irrappreżentata minn Daikin Europe N.V. Zandvoordestraat 300 8400 Oostende IL-BELĠJU
(12)	40720	AHT Cooling Systems Supermarket (UK) Limited irrappreżentata minn Daikin Europe N.V. Zandvoordestraat 300 8400 Oostende IL-BELĠJU
(13)	27467	Hubbard Products Ltd irrappreżentata minn Daikin Europe N.V Zandvoordestraat 300 8400 Oostende IL-BELĠJU
(14)	40762	AHT Cooling Systems USA, Inc. irrappreżentata minn Daikin Europe N.V. Zandvoordestraat 300 8400 Oostende IL-BELĠJU
(15)	27526	Daikin Airconditioning South Africa PTY irrappreżentata minn Daikin Europe N.V. Zandvoordestraat 300 8400 Oostende IL-BELĠJU

	ID tar-Reġistru	Isem u indirizz tal-impriża
(16)	33148	"Kameo OOD" Ltd. Dunav blvd. 178 4003 Plovdiv IL-BULGARIJA
(17)	51012	CLIMA BALKAN Ltd Devnaya 8 Office 103 9000 Varna IL-BULGARIJA
(18)	37816	Frigoelement Ltd. G. S. Rakovski 54 9000 Varna IL-BULGARIJA
(19)	34057	LINCOLN 121 EOOD President Lincoln 121 1632 Sofia IL-BULGARIJA
(20)	16191	Novetrade International Ltd Petko Stainov 1 9000 Varna IL-BULGARIJA
(21)	16192	Odisey Maritime Ltd Vasil Drumev 57 9000 Varna IL-BULGARIJA
(22)	27245	SCHIESSL BULGARIA PRODUCTION LTD President Lincoln str 98 1632 Sofia IL-BULGARIJA
(23)	25315	VIACOM VS D.O.O. irrappreżentata minn INSTITUTE OF REFRIGERATION AND AIR CONDITIONING JSC Kamenodolska str. 5 1202 Sofia IL-BULGARIJA
(24)	31790	Kimgas Industrial and Medical Gases Ltd Archangel street 34 1022 Nicosia ĊIPRU
(25)	18138	TEKLIMA LTD Taiyetou 21 1041 Nicosia ĊIPRU
(26)	34486	VOR s.r.o. Pohori 222 51801 Pohori IĊ-ĊEKJA
(27)	20609	Westfalen Gas s.r.o. Chebska 545/13 32200 Plzen 5-Krimice IĊ-ĊEKJA
(28)	26935	Arthur Friedrichs Nachfolger GmbH & Co.KG Zwischen den Seen 23 27607 Geestland IL-ĠERMANJA

	ID tar-Reġistru	Isem u indirizz tal-impriża
(29)	51807	Druschke GmbH Am Bruchweg 1 63571 Gelnhausen IL-ĠERMANJA
(30)	35061	Peter Lorenz Nest Koenigsteiner Str. 2 65760 Eschborn IL-ĠERMANJA
(31)	26929	Pitzner Industrieservice GmbH & Co. KG Weidestrasse 8-10 27570 Bremerhaven IL-ĠERMANJA
(32)	34667	THINKCOOL GMBH Graf Recke Weg 36 40489 Dusseldorf IL-ĠERMANJA
(33)	28884	Weiss Technik GmbH Greizer Straße 41-49 35447 Reiskirchen IL-ĠERMANJA
(34)	27054	Westfalen CO_2 Betriebsgesellschaft mbH Industrieweg 43 48155 Münster IL-ĠERMANJA
(35)	20624	Westfalen Industriegase GmbH Industrieweg 43 48155 Münster IL-ĠERMANJA
(36)	27058	Westfalen Medical GmbH Industriestraße 26 57555 Brachbach IL-ĠERMANJA
(37)	20372	Daikin Korea Co., Ltd. irrappreżentata minn Daikin Chemical Europe GmbH Am Wehrhahn 50 40211 Duesseldorf IL-ĠERMANJA
(38)	20373	Taiwan Daikin Advanced Chemicals, INC. irrappreżentata minn Daikin Chemical Europe GmbH Am Wehrhahn 50 40211 Duesseldorf IL-ĠERMANJA
(39)	16310	A-Gas Electronic Materials Limited irrappreżentata minn A-Gas Deutschland GmbH Bei den Kaempen 22 21220 Seevetal IL-ĠERMANJA
(40)	20371	Daikin America, Inc. irrappreżentata minn Daikin Chemical Europe GmbH Am Wehrhahn 50 40211 Duesseldorf IL-ĠERMANJA

	ID tar-Reġistru	Isem u indirizz tal-impriża
(41)	40755	AHT Cooling Systems Nordic ApS A.P. Møllers Allé 9B 2791 Dragør ID-DANIMARKA
(42)	16132	Arctica Solutions OÜ Pärnu mnt. 139E/12 11371 Tallinn L-ESTONJA
(43)	16351	Respait OÜ Kaevuri 1 30328 Kohtla-Järve L-ESTONJA
(44)	34824	Navis International Trade & Consulting Ltd irrappreżentata minn Navis International Trade & Consulting OÜ Pille tn, Kesklinna linnaosa 45053 10135 Tallinn L-ESTONJA
(45)	16346	TFI-Telemark, Inc. irrappreżentata minn Navis International Trade & Consulting OU Pille tn, Kesklinna linnaosa 45053 10135 Tallinn L-ESTONJA
(46)	32853	BUSE GAS A.E. Thesi Patima 320 09 Schimatari IL-GREĊJA
(47)	40761	AHT Cooling Systems España S.L.U. C/Isla Graciosa, 1-2ª planta, oficina 6 Ed. Áncora 28703 San Sebastián de los Reyes (Madrid) SPANJA
(48)	50449	CLIMAIRE FRED SLU Cuatro Amigos 7, 1D ES02 28029 Madrid SPANJA
(49)	49406	COOPER AND HUNTER IBERICA SL Ausias March 16 46194 Real SPANJA
(50)	51923	ECOCLIM OVERSEAS SL Nuñez de Balboa 37 2 DRA 28001 Madrid SPANJA
(51)	40983	FERRER WIGGIN, S.L. Fuente 11 28223 Pozuelo de alarcón (Madrid) SPANJA
(52)	33284	HIPLUS Aire Acondicionado, SL Masia Torrents 2 8800 Vilanova i la Geltru-Barcelona SPANJA

	ID tar-Reġistru	Isem u indirizz tal-impriża
(53)	40985	JUPAMAJA, S.L. Gaztambide 50, 2d 28015 Madrid SPANJA
(54)	16072	Lennox Refac SA Villalonquejar-Polígono Industrial Villalonqueja 4 9001 Burgos SPANJA
(55)	16134	LGL Refrigeration SPAIN Avenida Meridiana (Planta 12, ABD) 354 8027 Barcelona SPANJA
(56)	51357	QUIMI ROMAR SLU Carretera Moncada a Naquera km. 6 46119 Náquera (Valencia) SPANJA
(57)	41065	QUIMICAS PARDO 1997 S.L. Avenida del Pardo 12 28250 Torrelodones (Madrid) SPANJA
(58)	38846	RUIZ SIERRA REFRIGERACION S.L Plaza Bami 2 28017 Madrid SPANJA
(59)	27787	SELLICAS, S.L. Pol. Ind. La Torrecilla Chica 23 45220 Yeles (Toledo) SPANJA
(60)	53457	SILIKEN-QUIMI SL Pol. Ind. Laseturas III, C 7 2200 Casas Ibanez SPANJA
(61)	31836	Refritrade Ltd irrappreżentata minn Juan Campoverde S4U S.L. Cantarranas 25 41530 Sevilla SPANJA
(62)	40757	AHT Cooling Systems FRANCE Avenue Berthelot 99 69520 Grigny FRANZA
(63)	27175	Coatex SAS rue Ampère, BP 8-ZI Lyon Nord 35 69730 Genay FRANZA
(64)	16054	CREALIS SAS Rue des Coulons 26 94360 Bry-Sur-Marne FRANZA
(65)	16071	LGL FRANCE Zone industrielle Les Meurières 6 rue des Albatros 69780 Mions FRANZA

	ID tar-Reġistru	Isem u indirizz tal-impriża
(66)	32504	MATELEX SAS Rue de la Croix-Faubin 4 75011 Paris FRANZA
(67)	27174	MLPC International SA av Charles Despiau 209 40370 Rion-les-Landes FRANZA
(68)	46076	Produits Chimiques du Mont Blanc SAS Rue Georges Toussaint 100 74190 Passy FRANZA
(69)	41376	Société d'exploitation des établissements MENDES SAS rue de la Grande Haie 23 77130 Montereau-Fault-Yonne FRANZA
(70)	27722	Avi trading d.o.o. Ratarska 37 HR-10000 Zagreb IL-KROAZJA
(71)	34240	AVIMBI TRADING D.O.O. Ulica Ivice Sudnika 7 HR-10430 Samobor IL-KROAZJA
(72)	27757	Baterije Zagreb d.o.o. Mihanoviceva 34 HR-10000 Zagreb IL-KROAZJA
(73)	34235	BIBAMAN d.o.o. Zagrebacka cesta 192 HR-10000 Zagreb IL-KROAZJA
(74)	27731	Ico trading d.o.o. Ratarska 37 HR-10000 Zagreb IL-KROAZJA
(75)	16352	MIVA TRADING d.o.o. Virjanska 17 HR-10000 Zagreb IL-KROAZJA
(76)	20087	VINYL Kft. Adler Karoly utca 19 3524 Miskolc L-UNGERIJA
(77)	33067	NINGBO HOLZ CHEMICAL Co., Ltd irrappreżentata minn REACH COMPLIANCE SERVICES LIMITED Paramount Court, Corrig Road,Sandyford Dublin Dublin 18 L-IRLANDA

	ID tar-Reġistru	Isem u indirizz tal-impriża
(78)	15986	SINOCHEMLANTIAN TRADING CO., LTD. irrappreżentata minn CHEMICAL INSPECTION & REGULATION SERVICE LTD. Regus Harcourt Centre D02 HW77 Dublin D02 HW77 L-IRLANDA
(79)	32114	Zibo Feiyuan Chemical Co., Ltd irrappreżentata minn CHEMICAL INSPECTION & REGULATION SERVICE LTD. Regus Harcourt Centre D02 HW77 Dublin D02 HW77 L-IRLANDA
(80)	33617	Keith Boyd Refrigeration Limited Little Pace View 67 D15 A43T Dublin L-IRLANDA
(81)	47106	National Refrigerants SuppLiers Ltd North Wall Quay 25-28 Dublin D01 H104 L-IRLANDA
(82)	32078	HT COOL GAS CO., LTD irrappreżentata minn CHEMICAL INSPECTION & REGULATION SERVICE LTD. Room 002, Regus Harcourt Centre D02 Dublin L-IRLANDA
(83)	21187	AGUA-TEC ITALIA di William Richetti Via Don Giuseppe Gervasini 33 20153 Milano L-ITALJA
(84)	40759	AHT Cooling Systems ITALY S.R.L. Via Enrico Mattei 14/C 25080 Mazzano (BS) L-ITALJA
(85)	27732	ALESSANDRO BORRI Nuova di Pozzolatico 10 50125 Firenze L-ITALJA
(86)	14033	ARGOCLIMA SPA Alfeno Varo 35 25020 Alfianello L-ITALJA
(87)	16363	COLDAIR SRL S.S.96 C/O Condiminio Sirio Center Km 116 70026 Modugno (BA) L-ITALJA
(88)	32938	DMREFRIG DI MORLANDO DANIELE Via delle Capinere 26 80029 Sant'Antimo (NA) L-ITALJA
(89)	35462	Domolife srl via Aterno 56 65128 Pescara L-ITALJA

	ID tar-Reġistru	Isem u indirizz tal-impriża
(90)	14237	Dow Italia s.r.l. Via F. Albani 65 20120 Milano L-ITALJA
(91)	32798	Erreci Clima di Consiglio Rita Traversa 2 Carlo De Marco 32 80137 Napoli L-ITALJA
(92)	27691	EZETIA S.R.L Corso Galileo Ferraris 70 10129 Torino L-ITALJA
(93)	32930	FORNCLIMA DI BIZZARRO ELISABETTA Via delle Magnolie 10 80017 Melito di Napoli (Na) L-ITALJA
(94)	32357	G&G DI MAZZELLI GIUSEPPE Via Fratelli Cairoli 76 70010 Adelfia L-ITALJA
(95)	35039	GC REFRIGERANTS DI GUISCARDO CAROLINA Via Enzo Ferrari 3 80029 Sant'Antimo (NA) L-ITALJA
(96)	32667	JNS REFRIGERANTS srls Via Nuova Pozzolatico 10 50125 Firenze L-ITALJA
(97)	20846	Nippon Gases Industrial s.r.l. Via Benigno Crespi 19 20159 Milan L-ITALJA
(98)	32539	REVOLUTION GAS DI GOZZI ELENA Vico San Pio da Pietralcina 43 43 81030 Cesa (CE) L-ITALJA
(99)	20695	T.ESSE.T. DI MAFFEI VITTORIO Via de Vitti de Marco 11 70124 Bari L-ITALJA
(100)	32662	"Termorama" UAB Olandų 10 A-5 LT-01100 Vilnius IL-LITWANJA
(101)	33516	2 obliai MB Salomėjos Nėries 109-217 LT-12141 Vilnius IL-LITWANJA
(102)	30082	Con turus Vaižganto g. 23 A Kaunas IL-LITWANJA

	ID tar-Reġistru	Isem u indirizz tal-impriża
(103)	26743	E-Sales & Service UAB J. Basanavičiaus g. 26 LT-03244 Vilnius IL-LITWANJA
(104)	12889	UAB Studio Shape S . Žukausko g. 17D LT-54464 Ramučiai, Kaunas distr. IL-LITWANJA
(105)	27047	ConRef SIA Vienības gatve-81-8 Riga, LV-1004 IL-LATVJA
(106)	61406	SIA EKO NAMS Sergeja Eizenšteina 53-53 Rīga, LV-1079 IL-LATVJA
(107)	53979	Doreen Saliba George, Triq il-Prinċep Bażiliku ZBG 3091 Żebbuġ MALTA
(108)	20194	Chemours International Operations Sarl irrappreżentata minn Chemours NETHERLANDS BV Baanhoekweg 22 3313 LA Dordrecht IN-NETHERLANDS
(109)	36609	AFS Energy BV Beursplein 5 1012JW Amsterdam IN-NETHERLANDS
(110)	23851	AVF Water Treatment B.V. Van Konijnenburgweg 84 4612 PL Bergen op Zoom IN-NETHERLANDS
(111)	27571	BTC B.V. Albert Thijsstraat 65 6471WX Eygelshoven IN-NETHERLANDS
(112)	33555	Carrier Transicold Ltd Pittsburghstraat 21 3047 BL Rotterdam IN-NETHERLANDS
(113)	27205	Coatex NETHERLANDS BV Middenweg 47 4782 PM Moerdijk IN-NETHERLANDS
(114)	15907	CREALIS NEDERLAND B.V. Van Konijnenburgweg 84 4612 PL Bergen op Zoom IN-NETHERLANDS
(115)	23852	Eco-Collect B.V. Van Konijnenburgweg 84 4612 PL Bergen op Zoom IN-NETHERLANDS

	ID tar-Reġistru	Isem u indirizz tal-impriża
(116)	46128	Gasco Nederland BV Rotterdamseweg 219B 2629HE Delft IN-NETHERLANDS
(117)	32107	IMMOKEM B.V. Van Konijnenburgweg 84 4612 PL Bergen op Zoom IN-NETHERLANDS
(118)	16138	Lennox Benelux BV Watergoorweg 87 3861 MA Nijkerk IN-NETHERLANDS
(119)	28243	Mexichem Fluor EU B.V. Schiphol Boulevard 425 1118 BK Schiphol IN-NETHERLANDS
(120)	21907	PHC Europe B.V. Nijverheidsweg 120 4879 AZ Etten-Leur IN-NETHERLANDS
(121)	26746	Samsung Electronics Air Conditioner Europe B.V. Evert van de Beekstraat 310 1118 CX Schiphol IN-NETHERLANDS
(122)	27067	Westfalen Medical B.V. Rigastraat 14 7400 AT Deventer IN-NETHERLANDS
(123)	34805	AERCON SPÓŁKA Z OGRANICZONĄ ODPOWIEDZIALNOŚCIĄ Przemyslowa 13 A 35-105 RZESZÓW IL-POLONJA
(124)	16382	ARGOS-TRADE Spólka z o.o. ul. Nękanowice 223 32-120 Nowe Brzesko IL-POLONJA
(125)	34209	BESTBAY SPÓŁKA Z OGRANICZONĄ ODPOWIEDZIALNOŚCIĄ Przemyslowa 13 A 35-105 Rzeszow IL-POLONJA
(126)	34808	BESTCOOL SPÓŁKA Z OGRANICZONĄ ODPOWIEDZIALNOŚCIĄ Przemyslowa 13 A 35-105 Rzeszow IL-POLONJA
(127)	35283	BIES SP. Z O.O. Dolzyca 32 38-607 Cisna IL-POLONJA
(128)	16290	BRESCON Pawel Jaworski Nękanowice 223 32-120 Nowe Brzesko IL-POLONJA

	ID tar-Reġistru	Isem u indirizz tal-impriża
(129)	31621	Cargo Bull Sp. z o.o. Zbiersk-Cukrownia 176 62-830 Zbiersk IL-POLONJA
(130)	34801	COOLGAS SPÓŁKA Z OGRANICZONĄ ODPOWIEDZIALNOŚCIĄ Przeyslowa 13 A 35-105 Rzeszow IL-POLONJA
(131)	20678	ENDOGAS SPÓŁKA Z OGRANICZONĄ ODPOWIEDZIALNOŚCIĄ Al. Jerozolimskie 65/79 00-697 Warszawa IL-POLONJA
(132)	42568	ENTALPIA EUROPE SP. Z.O.O ul. Polskiej Organizacji Wojskowej 64 A 98-200 Sieradz IL-POLONJA
(133)	65931	FIA sp. z o.o. GŁÓWNA 1E 1E 51-180 Psary IL-POLONJA
(134)	35095	IGLOTECHNIKA CHŁODNICZA SPÓŁKA Z OGRANICZONĄ ODPOWIEDZIALNOŚCIĄ Wysiadlow 2 27-612 Wilczyce IL-POLONJA
(135)	35449	KLIMA-EXPERT SP. Z O.O. Budziwojska 392 A 35-317 Rzeszow IL-POLONJA
(136)	34803	MAXICHEM SPÓŁKA Z OGRANICZONĄ ODPOWIEDZIALNOŚCIĄ Przemyslowa 13 A 35-105 Rzeszow IL-POLONJA
(137)	35104	Michał Kapała Scientific Baczyńskiego 45032 27-600 Sandomierz IL-POLONJA
(138)	34806	MORSK SPÓŁKA Z OGRANICZONĄ ODPOWIEDZIALNOŚCIĄ Przemyslowa 13 A 35-105 Rzeszow IL-POLONJA
(139)	34809	POLARO GROUP SPÓŁKA Z OGRANICZONĄ ODPOWIEDZIALNOŚCIĄ Przemyslowa 13 A 35-105 Rzeszow IL-POLONJA
(140)	27869	ProArtis Renata Gajek Bruzdowa 109G 02-991 Warszawa IL-POLONJA
(141)	27620	PROZON FUNDACJA OCHRONY KLIMATU Matuszwska 14 Bud B9 03-876 Warszawa IL-POLONJA

	ID tar-Reġistru	Isem u indirizz tal-impriża
(142)	66070	QUOT SP. Z O.O. Glownie 1E 51-180 Psary IL-POLONJA
(143)	34802	REFCOOL SPÓŁKA Z OGRANICZONĄ ODPOWIEDZIALNOŚCIĄ Przemyslowa 3 A 35-105 Rzeszow IL-POLONJA
(144)	34807	REFRIGER SPÓŁKA Z OGRANICZONĄ ODPOWIEDZIALNOŚCIĄ Przemyslowa 3 A 35-105 Rzeszow IL-POLONJA
(145)	35190	Sigma S.C. Jolanta Grzegorczyk Jacek Grzegorczyk Piłsudskiego 136 97-500 Radomsko IL-POLONJA
(146)	34025	SILVERQUEEN Irena Wilczek ul. Kściuczyka 3B/15 40-750 Katowice IL-POLONJA
(147)	20867	STILDE sp. z o.o. Psary, ul. Główna 1E 51-180 Wrocław IL-POLONJA
(148)	33788	Tlenspaw s.c. Stawiszyńska 177 62-800 Kalisz IL-POLONJA
(149)	20871	Velborg sp. z o.o. Psary, ul. Główna 1E 51-180 Wrocław IL-POLONJA
(150)	50512	DVR Prochemicals Group S.R.L. sat Gorban, com. Gorban 61965 707210 Iaşi IR-RUMANIJA
(151)	40964	EMG MANAGEMENT INVEST Delea Veche 24 24102 Bucuresti IR-RUMANIJA
(152)	21227	MESSER Slovenija d.o.o. Jugova 20 SI-2342 Ruše IS-SLOVENJA
(153)	9989	Savi Technologie sp. z o.o. ul. Wolności 20 51-180 Psary, Wrocław IL-POLONJA

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Frar 2024.

Għall-Kummissjoni
Wopke HOEKSTRA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

(Tagħrif kummerċjalment sensittiv — kunfidenzjali — ma għandux jiġi ppubblikat)

ANNESS II

(Tagħrif kummerċjalment sensittiv — kunfidenzjali — ma għandux jiġi ppubblikat)